K.L.B.L. 24/1/2002

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2002 dwar il-Ħarsien tal-Pont ta' Wied id-Dis (Kunsill Lokali Għargħur)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33, 34 u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (8) ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali Għargħur għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:–

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2002 dwar il-Ħarsien tal-Pont ta' Wied id-Dis (Kunsill Lokali Għargħur). Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"għamara tat-triq" tinkludi kull oġġett li jista' jitqiegħed jew jitwaħħal ma' l-art jew li jitpoġġa jew jitwaħħal mal-ħajt jew ma' xi parti oħra tal-Pont;

"il-Pont" tfisser il-pont ta' fuq Wied id-Dis ġewwa l-lokalità tal-Għargħur, u tinkludi l-ħitan, l-attrezzaturi u t-triq li tgħaddi minn fuq il-pont;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Għargħur;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' l-Għargħur;

"reklam" tfisser kull xorta ta' reklam, inkluża kull promozzjoni kummerċjali jew mhux, u tinkludi wkoll kull avviż, notifika jew messaġġ ieħor stampat jew bil-kitba;

"vettura" tinkludi kull karrozza, mutur jew xi vettura oħra li tintuża bħala mezz ta' trasport, kemm jekk tkun vettura bil-mutur u kemm jekk ma tkunx, iżda ma tinkludix *bicycle* jew *scooter*.

Projbizzjonijiet.

3. Ħadd ma għandu mingħajr il-permess minn qabel bil-miktub tal-Kunsill:

(a) jitla' jew jinżel, permezz ta' ħbula jew mezzi oħra, ma' xi parti tal-Pont;

(b) jagħmel xi tip ta' rbit mal-Pont permezz ta' ħbula jew mezzi oħra;

(ċ) iwaħħal xi tabella, *banner, sticker* jew reklam ma' xi parti tal-Pont;

(d) iwaħħal jew ipoġġi xi għamara tat-triq ma' jew fuq il-Pont;

(e) jipparkja xi vettura fuq il-Pont.

Penali.

4. Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tehel, meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli piena oħla taħt xi liġi oħra:

(a) għall-ewwel kontravvenzjoni ammenda ta' għoxrin liri Maltija (Lm20);

(b) għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni oħra li ssir wara, ammenda ta' tletin liri Maltija (Lm30); u

(ċ) fil-każ ta' reat kontinwat ammenda ta' ħames liri Maltija (Lm5) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Danni ċivili.

5. L-għoti ta' piena taħt dawn il-*Bye-Laws* jkun bla ħsara għall-jedd tal-Kunsill li jiġbor id-danni ċivili kollha li jkunu saru bl-għemil ta' xi kontravvenzjoni taħt dawn il-*Bye-Laws*, inkluż id-dritt li jagħmel it-tiswija meħtieġa bi spejjeż tal-persuna misjuba ħatja.